# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR. SILVIO MELI**
**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 17 ta' Jannar tas-sena 2002.**

**Numru 19**

**Avviz numru 938/01/SM**

**Communique' Creative Limited.**

**vs**

**O'Connors Malta Limited.**

**Il-Qorti,**

**Rat l-avviz fuq indikat datat it-13 ta' Novembru tas-sena 2001 li permezz tieghu s-socjeta' attrici sejhet lis-socjeta' konvenuta quddiem din il-qorti sabiex tghid ghaliex m'ghandiex tkun ikkundannata:**

1. **Thallasha s-somma ta' elfejn tlett mija tmienja u erbghin lira u ghaxar centezmi (LM2,348.10,0) rapprezentanti l-bilanc ta' prezz ta' servizzi ta' reklamar u servizzi ohra relatati rezi lilha fuq inkarigu taghha stess;**

2. Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-mandat ta' qbid kawtelatorju pprezentat fis-6 ta' Novembru, 2001, u bl-imghax kummercjali mis-16 ta' Novembru 2000 k ontra s-socjeta' konvenuta li d-diretturi taghha gew ingunti ghas-subizzjoni;

Rat in-nota ta' ammissjoni tas-socjeta' konvenuta datata l-11 ta' Dicembru tas-sena 2001;

Illi in vista tal-premess tilqa' t-talbiet attrici u tikkundanna lis-socjeta' konvenuta O'Connors Malta Limited biex thallas lis-socjeta' attrici Communique' Creative Limited is-somma ta' elfejn, tlett mija u erbghin Lira Maltin u ghaxar centezmi, (LM2,340.10,0), (mhux LM2,348.10,0) kif erroneament indikat mis-socjeta' attrici fl-avviz odjern), bl-ispejjez u imghaxijiet dovuti skond il-ligi.

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**